MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2002

Numru 166/2001

**Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**
**Spettur Angelo Caruana**

**Vs**

**Wael Dwah Mahmoud**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Wael Dwah Mahmoud ta'36 sena bin Mahmoud u Aida nee' Xnini imwieled fis-Siria fit-12 ta' Awissu, 1965 u li joqghod "Marlene Flats" numru 2, Triq Testaferrata, Gzira, detentur tad-dokument ghar-refugjati mahrug mill-Gnus Maqghuda bin-numru 950439;

Talli fis-7 ta' Marzu, ghall-habta tal-10.50 ta' filghaxija fil-Gzira, kkommetta serq ta' baskett kontenenti flus u hwejjeg ohra minn fuq il-persuna ta' Josephine Refalo minn tas-Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeccedix l-elf Lira Maltin (Lm1000) u bil-hin;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Josephine Refalo minn tas-Sliema u lil Anne Marie Scerri minorenni mill-Gzira kontra l-volonta' taghhom;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jikkaguna feriti gravi fuq il-persuna tal-imsemmija Josephine Refalo u Anne Marie Scerri, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, billi tefa' fid-direzzjoni taghhom strument li jaqta' u jniggez (sikkina). Liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

U wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lill-imsemmija Josephine Refalo u Anne Marie Scerri jaghmlu, ihallu jsir, jew jonqsu mili jaghmlu xi haga.

Talli f'dawn il-Gzejjer fis-7 ta' Marzu 2001 u fil-granet ta' qabel din id-data zamm u/jew garr jew kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u li jniggez (sikkina) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed jaghmel reat kontra il-persuna kellu fil-pussess tieghu arma li taqta' u tniggez (sikkina);

Talli kiser il-provvediment tal-Artiklu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 8 ta' Frar 2000, mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Noel Cuschieri LL.D., fejn hu kien misjub hati ta' reat u lliberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fiz-zmien (19) dsatax-il-xahar.

U wkoll tali sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-Artikoli 261(a)(c)(f), 262(1)(a), 267, 270, 275, 277, 278, 279, 41(1)(a), 216, 334, 49 u 50 tal-Kapitolu 9, l-Artikoli 13,19, u 26 tal-Kapitolu 66 u l-Artikolu 10(1)(a) tal-kapitol 152;

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza titratta dwar 'snatch and run' armat, allegatament kommess mill-imputat, Wael Dwah Mahmoud fuq il-persuna ta' Josephine Refalo, fil-lejl tas-7

ta’ Marzu 2001, gewwa l-Gzira. Fil-hin ta’ dana l-incident, Refalo kienet fil-kumpanija tal-minorenni Anne Marie Scerri.

Illi wiehed ghandu jara biss l-istqarrija volontarja rrilaxxata mill-imputat lill-awtoritajiet investigattivi l-ghada ta’ l-allegat incident fejn ammetta r-reita’ tieghu ghal dana l-incident u ammetta wkoll li kien hu li kien unikament responsabbli ghall-istess incident.

Illi dina l-istqarrija hija konfortata bix-xhieda ta’ Josephine Refalo u tal-minorenni Anne Marie Scerri li wkoll posittivament, gharfu lill-imputat prezenti in Awla bhala l-aggressur uniku taghhom dak in-nhar tal-incident.

Illi, wkol ix-xhieda tal-ufficjali tal-Pulizija li investigaw dan il-kaz u li, sahansittra, qabbdu lill-imputat in flagrante, jistahba gewwa l-petrol station li hemm gewwa Testaferrata Street, il-Gzira, bil-handbag ta’ Refalo f’idejh.

Illi prova li l-imputata uza sikkina f’dana l-incident huwa, sodisfacentement ipprovat, kif ukoll giet ezebita u tifforma parti minn dana l-process, is-sikkina “de quo”.

Illi l-prova tar-recidiva saret sodisfacentement waqt li saret, a sodisfazzjoni tal-Qorti il-prova wkoll illi l-imputat kiser il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 imposta fuqu minn Qorti diversament ippreseduta.

Illi, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, dina l-Qorti m’ghandhix alternattiva ohra hlief li ssib lill-imputat Wael Dwah Mahmoud, hati tal-imputazzjonijiet kellu addebitati mill-Prosekuzzjoni hlief ghall-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni li minnha dina l-Qorti qieghda tilliberah stante illi dina l-istess imputazzjoni ma tirrizultax.

Fir-rigward tal-piena, dina l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, specjalment il-fedina penali folta ta l-imputat, ghandha dana x'tirrimarka:

Illi l-funzjoni tal-gustizzja, minbarra punittiva hija illi tirrasikura lis-socjeta' d-dritt taghha ta' tgawdija trankwilla u serena ta' hajjitha.  Jirrizulta, ghalhekk illi r-riforma ta' min jittrasgredixxi hija sine qua non ghal dina t-tgawdija initterrotta  stante illi huwa ahjar illi bniedem jitghallem mill-izbalji tieghu ma jergax jirrepetihom milli diehel u hiereg il-habs, misjub hati ta' diversi reati semplici, kommessi biss mhux necessarjament ghall-bzonn izda kommessi sforz l-abitudini.

Illi Wael Dwah Mahmoud kien ibati mill-vizzju tad-droga. Dina l-problema kienet tant serja illi dan l-imputat kien jikkommetti diversi reati, zghar u kbar, sabiex jimmantjeni lilu nnifsu.

Illi kollox tbiddel fit-2 ta' Awissu 2001 meta l-imputat sab l-ghajnuna mehtiega u, volontarjament, bl-ghajnuna tal-Probation Officer tieghu, issottometta ruhhu ghall-kura residenzjali mill-vizzju tad-droga.  Illum, l-imputat huwa ragel mibdul li ma tgharfux sia fizikament kif ukoll milli jidher, moralment.  Sabiex iservi ta' inkorraggjament ghall-imputat, dina l-Qorti temmen illi terminu karcerarju iehor ghall-imputat jista' jkollu pjuttost effett negattiv milli dak posittiv.

Ghal dawn ir-ragunijiet dina l-Qorti qieghed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni illi ma jikkommettix reat iehor ghal zmien tlett (3) snin mil-lum a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta u a tenur tal-Artikolu 5 tal-istess Kapitolu, qiegheda tordna li jitpogga that is-sorveljanza tal-Probation Officer tieghu, Marietta Lanzon ghal dan l-istess perjodu li ghandha, di tant in tant, tirraporta verbalment dwar l-andament tal-imputat

specjalment dwar il-konkluzzjoni, min naha tieghu, tal-kura mill-problema tad-droga.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

---------------------------------TMIEM---------------------------------